MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 53/2006/3

**Jane *sive* Janie Borg u żewġha Paul Borg għal kull interess li jista' jkollu**
**v.**
**Kenneth Cefai f'ismu proprju u għal kull interess li jista' jkollu f'*Learnkey Training Institution*; u b'nota tas-26 ta' Ġunju 2008 Odette Demicoli assumiet l-atti tal-kawża kemm f'isimha proprju kif ukoll f'isem *Learnkey Training Institution***

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fid-9 t'April 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, li ċaħdet it-tabiet

tagħhom biex jitħassru mandati esekutivi maħruġa bis-saħħa ta' titolu esekutiv li l-atturi jgħidu li ma jorbotx lilhom.

2. L-atturi fissru illi b'sentenza mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2005 mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet Kenneth Cefai *proprio et nomine v.* Jamie Borg (avviż numru 65/2005), Jamie Borg – li suppost joqgħod fl-istess indirizz tagħhom iżda li huma ma jafux bih – ġie kundannat iħallas elf u wieħed u sittin lira ta' Malta (Lm1,061), flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż.

3. Il-konvenut fittex li jesegwixxi dik is-sentenza billi kiseb il-ħruġ ta' mandat ta' qbid (numru 68/2006) – li ġie esegwit fuq proprjetà tal-atturi – u mandat ta' sekwestru (numru 52/2006), it-tnejn fl-ismijiet Kenneth Cefai *proprio et nomine v.* Jamie Borg. Fuq dawn il-mandati in-numru tal-karta tal-identità ta' Jamie Borg huwa muri l-istess bħal dak tal-attriċi Jane *sive* Janie Borg, *cioè* 6441A.

4. L-atturi komplew ifissru illi l-attriċi Jane *sive* Janie Borg qatt ma ġiet notifikata bl-avviż tas-smigħ tal-kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, kemm għax l-atti dejjem inħarġu fuq Jamie Borg u kemm għax fil-proċess ta' dik il-kawża ma hemmx riferta pożitiva tan-notifika. Għalhekk, igħidu l-atturi, is-sentenza mogħtija f'dik il-kawża ma tagħmilx stat quddiemhom, u ma tistax tiġi esegwita fuq ħwejjiġhom. Barra minn hekk, huma ma ngħatawx l-opportunità li jwieġbu f'dik il-kawża u għalhekk ġew imċaħħda minn smigħ xieraq. L-atturi għalhekk talbu illi l-qorti:

5. tgħid li s-sentenza mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2005 mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar ma tagħmilx stat quddiemhom u għalhekk ma tistax tiġi esegwita fuq ħwejjiġhom;

6. tgħid illi l-mandati ta' qbid (68/2006) u ta' sekwestru (52/2006) ma jistgħux jiġu esegwiti kontra tagħhom; u

7. tordna illi l-ħwejjeġ maqbuda bis-saħħa tal-mandat ta' qbid u l-flus milquta bil-mandat ta' sekwestru jinħelsu favur l-atturi.

8. L-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi wara li rat l-atti tal-kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar u għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"… permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu li jiksbu dikjarazzjoni minn din il-qorti li s-sentenza hawn fuq ċitata mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar ma tagħmilx stat fil-konfront tagħhom, għax l-avviż li bih ġiet istitwita l-kawża quddiem dak it-Tribunal qatt ma ġiet notifikata lilhom. Konsegwentement jitolbu dikjarazzjoni wkoll li l-mandati eżekuttivi li saru in segwitu għal dik is-sentenza ma jistgħux jiġu eżegwiti fil-konfront tagħhom, u r-rilaxx tal-oġġetti maqbuda b'dawk il-mandati.

"Il-fatti fil-qosor li taw lok għal din il-kawża kienu s-segwenti:

"Il-konvenut preżenti kien istitwixxa kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar kontra ċerta "Jamie Borg" bl-indirizz tagħha mogħti bħal dak tal-atturi odjerni, u *cioè "*34, Triq il-Ġojjin, Kerċem, Għawdex". Il-kawża nqatgħet favur l-attur fil-kontumaċja tal-konvenuta u Jamie Borg ġiet ikkundannnata tħallas l-ammont ta' Lm1061. Minn dik is-sentenza ma kienx hemm appell. Wara li allura l-istess sentenza għaddiet in ġudikat, u l-attriċi preżenti Janie Borg ġiet notifikata b'żewġ mandati eżekuttivi, hija flimkien ma' żewġha, bħala komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, ipproċediet bil-kawża odjerna fejn qed targumenta illi dik il-kawża ma kinitx tagħmel stat fil-konfront tagħha, billi hija ma jisimhiex "Jamie Borg" imma "Janie Borg", u bħala tali qatt ma ġiet notifikata bl-avviż quddiem it-tribunal.

"Imma biex jiġi dikjarat dak li qed jitolbu l-atturi, u *cioè* li s-sentenza ċitata tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar ma tagħmilx stat fil-konfront tagħhom, trid neċessarjament tiġi annullata dik is-sentenza, ħaġa li però mhux jitolbu l-atturi. L-atturi jgħidu speċifikament fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom illi huma ma għamlux kawża ta' ritrattazzjoni li hija l-mezz kontemplat mil-liġi għall-impunjazzjoni ta' sentenza tal-qrati tagħna. Infatti huwa evidenti mil-mod kif ġiet formulata l-kawża odjerna illi din ma fihiex it-talbiet li soltu nsibu f'kawża ta' ritrattazzjoni, u fiċ-ċirkostanzai lanqas setghet issir kawża ta' ritrattazzjoni għax dan mhux permess f'sentenzi mogħtija minn dan it-tribunal. Madankollu l-atturi baqgħu ma qalux x'tip ta' azzjoni kienu qed jeżerċitaw. L-uniku rimedju li jidher li kien disponibbli għalihom kien li jiftħu kawża a tenur tal-artikolu 469A tal-

Kap. 12 a bażi tal-allegat ksur tal-prinċipju tal-ġustizja naturali tal-*audi alteram partem.*

"… … …

"Fil-każ tagħna, minkejja illi l-ilment ewlieni li fuqu qed jibbażaw il-kawża tagħhom l-atturi hija l-allegazzjoni li l-attriċi bħala "Janie Borg" qatt ma ġiet notifikata bl-atti tal-kawża quddiem dak it-Tribunal, huma lanqas ipproċedew, kif kellhom kull dritt li jagħmlu, b'kawża a tenur tal-artikolu 469A(1)(*b*)(ii) tal-Kap. 12 biex dik is-sentenza tat-tribunal tiġi dikjarata nulla, invalida jew mingħajr effett, minħabba nuqqas ta' osservanza tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

"Huwa minnu illi ma tqajmet ebda eċċezzjoni formali f'dan is-sens mill-konvenut *proprio et nomine*, imma minħabba illi din il-kwistjoni tolqot il-liġijiet proċedurali tal-pajjiż u għalhekk hija ta' ordni pubbliku, huwa d-dover ta' din il-qorti li tqajjimha hija stess.

"Billi għalhekk il-kawża kif proposta mill-atturi ma tista' qatt twassal għar-rimedji minnhom mitluba fir-rikors ġuramentat tagħhom, din il-qorti ma jibqagħlha ebda għażla għajr li tiċħad it-talbiet tagħhom."

9. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-23 t'April 2010 u l-konvenut wieġeb fis-17 ta' Mejju 2010.

10. L-aggravji tal-atturi appellanti huma dawn:

11. is-sentenza appellata hija nulla għax l-*occhio* tal-kawża ġie muri ħażin;

12. l-ewwel qorti qalet ħażin meta qalet illi din il-kawża kien imissha tressqet taħt l-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għax f'din il-kawża ma ntalabx it-tħassir tas-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, iżda biss illi dik is-sentenza ma tistax tiġi esegwita kontriehom għax huma ma kinux parti fil-kawża li fiha ngħatat.

13. Fl-ewwel aggravju l-atturi jressqu eċċezzjoni ta' nullità tas-sentenza appellata. Ifissru din l-eċċezzjoni hekk:

"… l-esponenti qiegħda teċċepixxi n-nullità tas-sentenza *stante* illi l-okkju tal-kawża ġie prodott ħażin fis-sentenza għaliex dan kellu jirrispekkja l-fatt illi permezz ta' nota tas-sitta u għoxrin [ta'] Ġunju tas-sena elfejn u tmienja l-atti tal-kawża ġew trasfużi u assunti minn Odette Demicoli li assumiet l-istess atti minflok il-konvenut Kenneth Cefai."

14. Komplew ifissru illi dan huwa nuqqas li ma jistax jissewwa taħt l-art. 175(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax din il-qorti tista' ssewwi atti preżentati quddiemha iżda mhux atti ta' qorti oħra.
15. Qabel xejn għandu jingħad illi huwa dubbjuż kemm tista' tkun tiswa assunzjoni tal-atti, li biha jinbidel konvenut f'kawża, meta tkun magħmula unilateralment b'nota. Il-persuna oriġinalment imħarrka ma tistax teħles mill-obbligazzjonijiet meritu tal-kawża kontrieha billi ġġib terza persuna li, mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra u mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti, tassumi l-atti flokha.
16. F'kull każ, u bla ħsara għal din l-osservazzjoni, huwa minnu dak li jgħidu l-atturi illi s-sentenza tal-ewwel qorti ma tistax tissewwa taħt l-art. 175(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għax il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa li ssewwi kull żball f'kull att li jiġi ppreżentat wara s-sentenza tal-ewwel grad iżda mhux żbalji f'atti ta' qorti oħra.
17. Barra minn hekk, l-art. 175(2) jirreferi mhux għal sentenzi iżda għal "skritturi", jew "*pleadings*" fit-test ingliż; u "skrittura", kif jixhed l-art. 174(2), issir mhux mill-qorti iżda mill-persuna li "qiegħda tagħmel it-talba". Għalhekk l-art. 175(2) ma huwiex relevanti għall-każ tallum.
18. L-artikolu relevanti huwa l-art. 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:
**"790.** Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq.[1]"
19. Il-prinċipju ermenewtiku ta' *eiusdem generis* irid illi kull wieħed min-nuqqasijiet imsemmija fl-art. 790 ikun, bħal "kull difett ieħor" li għandu jwassal għan-nullità tas-sentenza, difett li "jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq". Il-

---

[1] Ara Mary Assunta Azzopardi *v*. Anthony Camilleri, App. 3 ta' Frar 2012, ċitaz. nru 13/2006 u Anthony Tabone *et v*. Joseph Bianco, App. 3 ta' Frar 2012, ċitaz. nru 14/2005.

parti li isimha ma jidhirx fl-*occhio* tas-sentenza hija l-parti konvenuta li mhux biss ma ġarrbet ebda preġudizzju minħabba f'dan in-nuqqas iżda wkoll tgħid illi s-sentenza hija ġusta u għandha tiġi konfermata. Il-partijiet kollha fil-kawża kienu mgħarrfa bil-proċeduri għaddejjin quddiem l-ewwel qorti, kienu notifikati bl-atti li kienu jeħtieġu notifika, ħadu sehem fit-tmexxija tal-proċeduri, ma sar xejn minn wara daharhom, il-proċeduri saru quddiem qorti li kellha ġurisdizzjoni fuqhom u ma ġarrbu ebda preġudizzju ieħor li jista' jxellfilhom il-jedd għal smigħ xieraq.

20. Jidher wisq evidenti illi li titħassar sentenza għal raġuni li ma tagħmel ebda preġudizzju lill-partijiet u li hija għalkollox indifferenti għall-interessi tagħhom mhux biss ma jkunx fl-interess tal-ġustiżżja iżda anzi jkun ta' ħsara, għax ikun ifisser li dak kollu li sar matul is-snin li ilha tinstema' l-kawża jkun sar għalxejn u jkollu jsir mill-ġdid, b'ħela ta' ħin u ta' flus għalxejn, u dan kollu għal raġuni li ma għandha x'taqsam xejn mal-ħtiġijiet tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

21. Għalhekk, kif igħid l-art. 790, l-eċċezzjoni ta' nullità mressqa mill-atturi tista' tintlaqa' mhux minħabba xi nuqqas proċedurali iżda biss jekk ma jintweriex illi s-sentenza hija "ġusta fis-sustanza tagħha". Dan jeħtieġ illi l-appell jinstema' fil-meritu u, għal din ir-raġuni, l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa' bħala waħda preliminari.

22. Fil-meritu, l-atturi ressqu l-aggravju illi l-ewwel qorti fehmet ħażin in-natura tal-azzjoni meta qalet illi l-atturi kien imisshom impunjaw is-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar taħt l-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għax dak li qegħdin ifittxu l-atturi ma huwiex it-tħassir tas-sentenza iżda biss illi ma tistax tiġi esegwita kontriehomm għax huma ma kinux parti fil-proċeduri li wasslu għal dik is-sentenza.

23. Il-konvenuti wieġbu illi l-atturi qegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom fuq allegazzjoni li ma kinux notifikati bl-atti tal-kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar. Dan, igħidu l-konvenuti:

"… … … jwassal biss għall-konklużjoni waħda ċara u inekwivoka u *cioè* li allegatament l-appellanti ma ngħatawx smigħ xieraq u ma kellhomx l-opportunità li jiddefendu ruħhom għat-talbiet li ġew dedotti fil-konfront taghhom. Dan jammonta għall-ksur ta' wieħed mill-

prinċipji fundamentali tal-ġustizzja naturali, il-principju ta' *audi alteram partem … … …* F'każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' tali prinċipju fundamentali, ir-rimedju uniku u awtomatiku huwa li tiġi mħassra u revokata d-deċiżjoni li organu ġudizzjali jkun wasal għaliha bi ksur ta' tali prinċipju. Sabiex tiġi akkolta l-ewwel talba fir-rikors ġuramentat tal-appellanti, irid bil-fors ikun hemm rexissjoni jew tħassir tas-sentenza tat-tribunal li ivvjolat tali dritt sagrosant. It-tnejn huma inseparabbli."

24. Fil-fehma ta' din il-qorti l-aggravju tal-atturi huwa tajjeb. Kif sewwa jgħidu l-atturi, huma ma humiex jimpunjaw is-sentenza nfisha; qegħdin igħidu biss illi ngħatat kontra terzi u mhux kontriehom. Kompatibilment ma' dan l-argument, ma għandhom ebda interess li jimpunjaw sentenza li tolqot biss lil terzi u mhux lilhom. Jista' jkun, wara kollox, illi s-sentenza tkun tiswa u għalhekk ma jkollhiex għalfejn titħassar; dan ma jfissirx iżda illi sentenza valida kontra Tizju tista' tiġi esegwita kontra Sempronju.

25. L-argument tal-ewwel qorti illi l-atturi kien imisshom jimpunjaw is-sentenza taħt l-art. 469A huwa inkompatibbli mal-premessa illi l-atturi ma kinux parti fil-kawża: *audi alteram partem* ma jistax jinvokah min igħid li ma huwiex *pars*! L-argument huwa għalhekk ħażin u s-sentenza appellata hija motivata ħażin. L-appell tal-atturi għalhekk għandu jintlaqa'.

26. Dan ma jfissirx illi l-atturi għandhom raġun fil-meritu tal-azzjoni mressqa minnhom, għax dak huwa meritu li għadu ma ġiex investigat mill-ewwel qorti, u lanqas ma huwa sejjer jiġi investigat f'dan l-istadju minn din il-qorti, biex il-partijiet ma jiġux imċaħħda mill-benefiċċju tal-eżami doppju. L-atti għalhekk sejrin jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex din tara, fil-meritu, jekk il-persuna mħarrka fil-proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar kinitx tassew l-attriċi Jane *sive* Janie Borg, u, f'dak il-każ, jekk din kinitx validament notifikata bl-atti.

27. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti għall-kontinwazzjoni. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, iżda l-ispejjeż tal-appell tħallashom il-parti konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------